9 ta' Frar, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

David Shepherd *versus* Carmelo Morana

**Elevazzjoni — Rikonjizzjoni — Kunsinnatarju — Sekwestru — Art. 304 (3) tal-Kap. 15.**

*Meta, fl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' qbid, isir ir-rikonjizzjoni ta' oġġetti ġà maqbudin fl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' qbid preċedenti, dik ir-rikonjizzjoni taħloq speċi ta' sekwestru f'idejn il-kunsinnatarju adoperat fl-okkażjoni tal-mandat preċedenti; u dak is-sekwestru jibqa' jseħħ bħala effett tar-rikonjizzjoni.*

*Għalhekk, jekk il-mandat preċedenti jiġi revokat, l-eżekuzzjoni tattieni mandat tibqa' sseħħ fuq l-oġġetti maqbudin bl-ewwel mandat u rikonoxxuti bit-tieni.*

Il-Qorti. — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta li l-konvenut, in eżekuzzjoni tal-mandat tal-qbid tad-29 ta' Mejju 1950 (Numru 236/50), fl-ismijiet "Carmelo Morana vs. David Shepherd", ottjena l-fissazzjoni tal-ġranet tal-bejgħ fis-subasta ta' l-oġġetti maqbuda bl-istess mandat għas-6 ta' Ottubru 1951; illi l-kreditu li kien jifforma l-oġġett ta' l-imsemmi mandat il-lum jinsab imħallas (dok. A eżibit bl-animu li jiġi rtirat); u li l-konvenut ottjena kontra tiegħu, fis-7 ta' Settembru 1951, l-ispedizzjoni ta' mandat tal-qbid li bih, fost affarijiet oħra, saret ir-rikonjizzjoni ta' l-oġġetti li kienu maqbudin bil-mandat fuq riferit tad-29 ta' Mejju 1950 (dok. B u C), liema rikonjizzjoni ma tistax isseħħ billi l-kreditu involut fil-mandat oriġinali kien imħallas; u talab li, wara li

jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat tal-qbid tad-29 ta' Mejju 1950, fuq riferit, u li jiġu mwaqqfa l-atti tas-subasta fuq indikata; u (2) tiġi dikjarata ineffikaċi r-rikonjizzjoni li saret bil-mandat tas-7 ta' Settembru, 1951, fuq imsemmi, dwar l-oġġetti maqbuda bil-mandat tad-29 ta' Mejju 1950, u okkorrendo tiġi revokata l-eżekuzzjoni ta' l-istess mandat tas-7 ta' Settembru 1951, limitatament għall-oġġetti verifikati bih. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-proċess li għalih saret riferenza, "Shepherd vs. Morana" deċiż minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar 1951.............. jidher li l-kreditu formanti l-oġġett tal-mandat tad-29 ta' Mejju 1950, imsemmi f'din iċ-ċitazzjoni, kien ta' £88, kwantu għal £12..............;

L-attur igħid li dan il-kreditu ġie mħallas;

Mill-prospett stess tal-konvenut jirriżulta li mill-14 ta' Ottubru 1950 'l hawn tħallsu..............;

Sadattant kien miexi l-kera tal-postijiet stess bis-16s. kuljum;

Il-pont hu kollu dwar l-imputazzjoni ta' dawk l-akkonti;

*Omissis;*

Dawn il-pagamenti, kwindi, estingwew l-ewwel id-debitu formanti l-oġġett tal-mandat tad-29 ta' Mejju 1950;

Hemm lok, għalhekk, għar-revoka ta' l-eżekuzzjoni ta' dak il-mandat u ta' l-attijiet tas-subasta li saru b'eżekuzzjoni tiegħu;

L-attur talab ukoll li tiġi dikjarata ineffikaċi r-rikonjizzjoni magħmula bil-mandat tas-7 ta' Settembru 1951, ta' l-oġġetti, "inter alia", maqbuda bil-mandat tad-29 ta' Mejju 1950;

Il-Qorti tirrileva, però, li ma hemmx lok għal din ir-revoka; għax ir-rikonjizzjoni toħloq, b'liġi (art. 304 (3) Kap. 15) speċi ta' sekwestru f'idejn il-kunsinnatarju; u dan is-sekwestru għandu jibqa' jseħħ bħala effett tar-rikonjizzjoni;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-ewwel talba, fis-sens li tirrevoka l-mandat tal-qbid tad-29 ta' Mejju 1950, imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u l-attijiet tas-subasta magħmula b'eżekuzzjoni ta' dak il-mandat biss; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Tiċħad it-tieni talba; bl-ispejjeż kontra l-attur.